# Kun konxju tal–periklu 15/12/2005

It–tipjip passiv jibqa´ terminu vag hafna f´ghajnejn il–biċċa kbira tan–nies. Anke dawk li ma jpejpux m´humiex konxji hafna tal–periklu li dan jirrappreżenta.

Ovvjament, id–duhhan u r–riha tas–sigaretti jistghu jdejquk, jaharqulek ghajnejk, jidhlu fid–drapp u l–hwejjeġ; iżda barra dawn l–effetti viżibbli, is–sigarett jirrappreżenta theddida ġenwina, kemm ghal dawk li jpejpu kif ukoll ghal dawk ta´ madwarhom.

Barra l–fraġilità tat–trabi u tat–tfal quddiem it–tipjip, it–tipjip passiv jaffettwa lil kull grupp ta´ eta u lil kull livell tas–so ċjetà.

Kull sena, madwar id–dinja, jiġu reġistrati eluf ta´ kanċrijiet u mwiet minhabba t–tipjip passiv; ghalhekk, persuna li ma tpejjipx tista´ ssofri minn kanċer ta´ persuna li tpejjep!

**Huwa li wiehed ikun perfettament konxju tal–periklu tat–tipjip passiv li nistghu neliminawh.**

Une initiative de l'Union Européenne